# L-Estinzjoni

1 Meta pjanta jew annimal jiġu estinti, ikun ifisser li dawn:

- m'għadhomx jeżistu ☐
- jinstabu f'periklu li jinqerdu ☐
- qegħdin jiżdiedu ☐

2 Pjanta jew annimal endemiku jkunu jinstabu:

- fi gżejjer żgħar ☐
- kullimkien ☐
- f'post wieħed biss ☐

3 Il-kawża ewlenija tal-estinzjoni hija l-bniedem. Veru jew falz?

- veru ☐
- falz ☐

4 Liema minn dawn it-tliet għasafar inqered minn Malta?



iċ-Ċawla



il-Bufula tal-Għollieq



il-Gawwija Prima

5 Semmi kawża ewlenija tal-estinzjoni fid-dinja.

6 Il-bużaqq hi ħuta endemika (tinstab biss) għal:

- Malta ☐
- iċ-ċentru tal-Mediterran ☐
- il-Mediterran kollu ☐

7 Il-bużaqq ibid fejn l-ilma ħelu jitħallat mal-ilma baħar. Veru dan?

- iva ☐
- le ☐

Dinja Waħda

BirdLife MALTA




8 Dawn huma l-postijiet fejn għadu jinstab il-bużaqq. Għaqqadhom mal-post fejn qegħdin fil-mappa.

Il-Magħluq ta' Marsaskala

Ir-riserva naturali tal-Għadira

Ir-riserva naturali tas-Simar

Ir-riserva naturali tas-Salina

10 X'kulur huma l-fjuri tas-Sempreviva t'Għawdex? ______________________________

11 Liema minn dawn qed jipperikolaw l-eżistenza tas-Sempreviva t'Għawdex?

- it-tgħaffiġ mill-karozzi ☐
- it-tqaċċit tal-fjuri ☐
- ir-rimi illegali tal-iskart ☐
- pjanti mħawla mill-bniedem ☐

12. L-uniku post fid-dinja fejn tikber is-Sempreviva t'Għawdex hu fl-inħawi tad-Dwejra. Liema ittra fil-mappa t'hawn taħt turi dan il-post? _____




